**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**-Vs-**

**CHRISTIAN BORG**

**Illum, 9 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CHRISTIAN BORG** ta' 29 sena, iben Raymond u Sharon Anne nee' Lea imwieled Pieta, u li joqghod 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu San Giljan Nru tal-ID 315493M li ġie akkuzat talli:-

1. Fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed tigi akkuzat talli fil- kapacita tieghak personali u/jew bhalu klijent li ghalih qieghed xoghol kif ukoll ipso facto project supervisor fis-sit sitwat triq il-kantuniera ma Triq Alessio Erardi , zabbar nhar id-19 ta' Settembru 2022 matul il-gimgha u fix- xhur ta' qabel inqast milli tiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' Art 6 ta' A.L. 88/2018.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita tieghek ta' project supervisor inqast milli tikoordina l-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti ta' A.L. 88/2018 sabiex tassigura li min jimjega u, jekk mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema, persuni impjegati ghall-rashom japplikaw il-principji relevanti f'manjiera konsistenti u meta mehtieg, isegwu l-pjan tas-sahha u sigurta u dan ai termini ta' Art 5 (4) (d) ta' A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2023 li annullat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta' Diċembru 2022;

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' April 2023;

Rat id-digriet ta' assenjazzjoni mogħti mis-S.T.O il-Prim'Imħallef fit-13 ta' Ġunju 2023;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-smigħ ta' sottomissjonijiet orali;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-imputat u t-talba tad-difensur tiegħu għal differiment;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2023 jeżentaw għal kull buon fini lil din il-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' x-xhieda li diġa' kienu xehdu fil-kawża quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023;

Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli bi ksur ta' żewġ dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 88 tal-2018 in konnessjoni ma' żvilupp li qed jiġi allegat li qed isir fis-sit ġewwa Triq il-Karmnu, kantuniera ma' Triq Alessio Erardi, Ħaż Żabbar.

L-abbli avukat difensur fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti kif preseduta, għamlet referenza għall-aggravji li ġew sollevati fir-rikors tal-appell li ġie interpost mis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2022, bħala l-bażi tad-difiża tal-imputat, għajr naturalment għall-ewwel aggravju li ġie sorvolat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Marzu 2023.

Ġie sottomess, b'referenza għat-tieni aggravju kif imfisser fir-rikors tal-appell, illi ma jistax jinstab ħtija fl-imputat Christian Borg bħala "l-klient"[1] għall-fini tal-Avviż Legali 88 tal-2018, għaliex ma ġiex esebit fl-atti l-oriġinal tal-*Construction Notification Form* (Dok. CC1) imsemmi fir-regolament 5(3) tal-Avviż Legali 88 tal-2018[2]. Ġie sottomess illi l-provi li ġew prodotti fir-rigward, mill-Prosekuzzjoni, jikkonsistu biss fl-aħjar ipotesi, f'kopja fotostatika ta' dokument li ntbagħat skenjat lill-Awtorita' permezz ta' *email* minn ċertu Joseph Camilleri - li qed jiġi allegat li dak iż-żmien kien is-*supervisor* tal-proġett ta' żvilupp in diżamina - iżda din il-persuna ma ġietx prodotta sabiex tixhed fil-proċeduri biex jikkonferma li effettivament, id-dokument esebit huwa kopja ta' dokument li kien intbagħat minnu lill-Awtorita' u, okkorrendo, li dan ġie ffirmat mill-imputat odjern.

Il-Qorti fliet l-atti u l-provi. Tibda biex tosserva li l-kopja tal-avviż bil-quddiem esebita fl-atti proċesswali (Dok. CC1) in konnessjoni mas-sit indikat fiċ-ċitazzjoni, ġiet awtentikata minn Clinton Cachia, li xehed in rappreżentanza tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ('l-Awtorita``), bħala vera kopja tad-dokument li jinsab fil-file tal-Awtorita' u li kien intbagħat lilha permezz ta' '*e-form'*.

[1] Fir-regolament 2 tal-L.S. 424.36, "klijent" tfisser il-persuna naturali jew legali għal minjitwettaq proġett.
[2] 'CNF' jew 'avviż bil-quddiem'.

Huwa xehed illi f'disgħa u disgħin fil-mija (99%) tal-każijiet il-*Construction Notification Form* (jew 'avviż bil-quddiem') ma jiġix sottomess fiżikament lill-Awtorita' iżda elettronikament permezz ta' '*e-form*', li hija formola li timtela onlajn fejn il-parti minnha li fiha l-firem, tiġi stampata, iffirmata u mbagħad skenjata biex tintbagħat elettronikament mal-formola lill-Awtorita'. Huwa fisser ukoll illi l-avviż bil-quddiem in diżamina (Dok. CC1) ġie sottomess lill-Awtorita' fis-26 ta' Ġunju 2019 permezz ta' *e-form* u għalhekk l-Awtorita' ma jkollhiex fil-pussess tagħha l-oriġinal.

**Huwa minnu illi d-dokument esebit fl-atti bħala Dok. CC1 m'huwiex id-dokument originali kif iffirmat mill-klient u s-*supervisor* tal-proġett, iżda kopja awtentikata ta' dokument skenjat. Iżda l-Qorti fehmet illi dan id-dokument skenjat huwa sewwasew l-oriġinal għall-finijiet tal-Awtorita' u għall-konformita' mal-ħtiġiet tal-liġi. Jidher illi f'din l-era elettronika u diġitali tal-lum, is-sistema ta' sottomissjoni ta' applikazzjonijiet, avviżi u dokumenti oħrajn lill-Awtorita', ġie organizzat biex jirċievi dokumenti skenjati bħala parti minn proċess maħsub biex jiġi mnaqqas il-piż tal-burokrazija u biex, per konsegwenza, jiġi faċilitat l-aċċess tal-pubbliku għas-servizzi governattivi u pubbliċi. Huwa evidenti wkoll li l-awtoritajiet governattivi llum jiffavorixxu proċessi elettroniċi bħall-*e-form* li huwa aċċessibbli onlajn mis-sit uffiċjali tal-Awtorita', u l-liġi nnifisha lanqas teħtieġ li l-avviż bil-quddiem jiġi sottomess ukoll, b'żieda mal-e form, fiżikament lill-Awtorita'. Tant hu hekk illi abbażi ta' dik il-formola skenjata u sottomessa elettronikament lill-Awtorita', ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li ġew ordnati mill-klient, jistgħu jinbdew legalment, kif effettivament jidher li seħħ f'dan il-każ fejn inbniet blokka ta' mill-inqas erba' sulari.**

Fil-fatt, l-avviż esebit minn Elisabeth Sharon Vassallo (Dok. ESV3[3]) jidher li nħareġ abbażi tal-avviż bil-quddiem li ġiet sottomessa fir-rigward tas-sit in diżamina u li dan l-avviż kellu, in ottemperanza mar-regolament 5(3), jiġi muri b'mod ċar fuq is-sit tal-kostrizzjoni.

[3] Dan jinsab esebit f'paġna 32 tal-atti tal-kawża.

Dan kollu jfisser illi s-sottomissjoni elettronika tal-avviż bil-quddiem tal-bidu tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni, mingħajr firem oriġinali fuqha, hija uffiċjalment u legalment rikonoxxuta u tissodisfa pjenament u l-esiġenzi tar-regolament 5(3) tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (S.L. 424.36) għall-fini ta' notifika lill-Awtorita' u konformement, il-kopja awtentikata ta' dan l-avviż bil-quddiem esebita minn Clinton Cachia in rappreżentanza tal-Awtorita', hija għalhekk kopja awtentikata tal-uniku dokument li jeżisti fir-records tal-istess Awtorita' li abbażi tiegħu ġew effettivament awtorizzati x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fis-sit in diżamina.

Għalkemm hu minnu li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bħala xhud lis-*supervisor* tal-proġett li bagħat l-avviż bil-quddiem Dok. CC1, biex jixhed u jikkonferma li 'Christian Borg' indikat fl-avviż kien iffirma quddiemu, dan hu eżerċizzju li lanqas isir mill-Awtorita' nnifisha għall-validita' tan-notifika tal-avviż u l-legalita' tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li jinbdew in segwitu u bis-saħħa ta' din il-formola elettronika.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Omissis**[4], ġie ritenut:-

*17. Issa il-prova li qed tfittex biex taghmel id-difiza tenhtieg necessarjament grad ta' kontroll sabiex jigi accertat l-awtenticita' mhux biss tad-dokument esebiet izda ukoll u fuq kollox tal-veracita' tal-kontenut tieghu u l-awtur tal-istess. Fotokopja ta' screenshot minn fuq pagna ta' sit elettroniku bhal ma hu l-facebook minghajr ma jkun hemm verifika mhux biss tal-awtur tal-post li qed issir referenza ghaliha, izda ukoll tad-data u tal-provenjenza tal-istess mhijiex prova sufficjenti skont il-ligi. Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dokumenti li ma tistax tigi ivverifikata l-awtenticita' u/jew l-provenjenza taghhom. Din mhijiex prova valida.*

...

*18. Illi anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha takkorda t-talba tal-appellant sabiex jigu ezebiti dawn id-dokumenti issa fi stadju ta' revizjoni, il-valur probatorju taghhom huwa wiehed de minimis jekk mhux addirittura inezistenti billi kif inghad ma*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-26 ta' Frar 2020.

*jista' qatt jigi stabbilit l-awtenticita' tal-istess. Illi r-regola stabbilita permezz tal-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza ...*"

Madankollu, id-dokument taħt skrutinju fil-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti jikkonsisti mhux f'sempliċi fotokopja ta' *screenshot* li suppost fih il-prova tal-fatti asseriti, iżda f'kopja awtentikata ta' dokument uffiċjali provdut mill-Awtorita' nnifisha, mir-*records* tagħha, liema dokument kien ġie effettivament imtella' fuq is-sit elettroniku tagħha stess għall-fini tal-adempiment tal-obbligi taħt ir-regolament 5 tal-A.L. 88 tal-1988. Dokument li kellu jiġi sottomess skont il-liġi minn ħadd ħlief is-*supervisor* tal-proġett bid-dettallji tas-sit tal-kostruzzjoni u tax-xogħolijiet li huma maħsuba li jitwettqu fih fuq inkarigu tal-klient, u li jikkostitwixxi dokument formali tal-Awtorita'[5].

F'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti qajla tista' tistenna raġjonevolment illi l-Prosekuzzjoni tipproduċi dokument bil-firma oriġinali tal-imputat. Għalkemm ma hemm xejn li jipprekludi lill-Prosekuzzjoni milli tressaq prova tal-firma permezz tax-xhieda tal-persuna li sottomettiet dan id-dokument lill-Awtorita', il-Qorti ma tqisx li dan kien meħtieġ wisq inqas essenzjali għall-prova li d-dokument esebit għandu valur probatorju u jikkostitwixxi prova konklussiva li l-imputat odjern huwa Christian Borg li huwa indikat bħala l-klient fil-*Construction Notification Form*. Il-Qorti fehmet illi l-kontestazzjoni tad-difiża m'hijiex imsejsa fuq xi allegazzjoni li l-firma ta' Christian Borg fl-avviż bil-quddiem ġiet falsifikata, iżda li tikkonċerna n-nuqqas ta' provi fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-imputat odjern iffirma l-avviż bil-quddiem bħala 'l-klient' tal-proġett. Madankollu, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argoment tad-difiża u tiskarta dan id-dokument, tkun qiegħda tiddikjara li d-

---

[5] Reg. 5(3): *"Fil-każ ta' sit ta' kostruzzjoni fuq liema, xogħol huwa ppjanat li jdum aktar minn 30 jum tax-xogħol u fuq liema aktar minn 20 ħaddiem jaħdmu simultanjament, jew li l-volum tax-xogħol huwa skedat li jeċċedi l-500 person-days, is-supevisor tal-proġettgħandu jikkomunika notifika minn qabel mfassla skond l-Skeda III lill-Awtorità mill-inqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol fuq il-proġett. Ladarba tibda kull attività ta' xogħol fuq il-proġett, kopja tal-avviż minn qabel għandha tkun murija b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk neċessarju, tkun aġġornata perjodikament."*

dokumenti uffiċjali tal-Awtorita' ma fihom ebda siwi bħala prova fi proċeduri ġudizzjarji.

Fir-rikors tal-appell li d-difiża għamlet referenza għalih u ddikjarat li qed tibbaża l-kontestazzjoni tagħha tal-akkużi fuq l-aggravji imfissra fl-istess rikors, għall-insenjament fis-sentenza **Il-Pulizija v. Concetta Charles** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat fotokopji bħala prova ghaliex mhux awtentikati u qalet:-

"*Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*"

Iżda għandu jiġi osservat illi d-dokument li sar referenza għalih fis-sentenza appena ċitata kien jikkonsisti f'att ġudizzjarju li bl-applikazzjoni tal-artikolu 636 tal-Kap. 12 titqies bħala awtentikata u konsegwentement tista' tingieb bhala prova jekk maghmula fil-forma li trid il-Liġi mill-uffiċjal li għandu huwa merfugħ l-oriġinal.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi fil-każ in diżamina jsibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 635 tal-Kap. 12, għalkemm tassew dawn huma reżi applikabbli għal proċeduri quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(e) tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex ġaladarba ma jirriżultax illi d-difiża qiegħda tikkontesta li l-firma tiegħu fl-avviż bil-quddiem, hija falsifikata iżda qed tikkontesta biss il-valur probatorju tal-istess dokument, m'huwiex għalhekk, "*meħtieġ li tiġi vverifikata l-kitba ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument*" skont ir-regoli stipolati fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 635 tal-Kap. 12 li ma jittrattawx il-valur mhumiex biex jiġi verifikat jekk il-kitba u jew il-firma li jidher fuq l-avviż bil-quddiem.

Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sejra tiskarta dan id-dokument (Dok. CC1) u sejra tagħtih affidabbilita' u valur probatorju sħiħ bħala prova ta' dokument validu għall-fini ta' konformita' mal-obbligu legali taħt ir-regolament 5(3) tal-Avviż Legali 88 tal-2018, li jfisser illi huwa ppruvat kif imiss illi Christian Borg li għandu l-istess dettallji tal-imputat odjern, hu l-"klient" għall-fini tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

Dan premess u stabbilit, u lil hinn mill-konsiderazzjonijiet appena magħmula, il-Qorti tħoss li xorta waħda għandha tosserva illi kuntrarjament għal dak li targomenta d-difiza, il-fatt li l-Awtorita' ma għandhiex fir-*records* tagħha l-original tal-avviż bil-quddiem li fih il-firma oriġinali tal-klient Christian Borg, u l-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx biex jixhed is-*supervisor* tal-proġett biex jafferma li dan id-dokument ġie ffirmat mill-imputat odjern, ma jfissirx li d-dokument ma għandu ebda valur probatorju kwalsiasi. Anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li d-dokument m'għandux jingħata valur probatorju sħiħ u d-dokument ma jiswix waħdu bħala prova li l-imputat huwa tassew Christian Borg li jinsab indikat bħala il-klient u jidher li ffirma d-dokument, xejn ma jeskludi li l-kontenut tiegħu jiġi affermat u korroborat ulterjorment bi provi oħrajn.

Issa l-Prosekuzzjoni ressqet f'dan il-każ, b'żieda mal-kopja awtentikata tal-avviż bil-quddiem, ritratt meħud mix-xhud Clinton Cachia, ta' avviż imwaħħal fuq il-faċċata tas-sit tal-kostruzzjoni, *Environmental Mangament Construction Site Regulations Template for Notice Board*, li jindika illi l-iskop tal-iżvilupp huwa "*to sanction basement level for 4 car park spaces and proposed construction of overlying floors*". In-numru tal-permess ta' żvilupp relattiv huwa indikat fuq dan l-avviż bħala PA03188/20 filwaqt li l-isem tas-sid tal-iżvilupp huwa indikat bħala "Chris Borg".

Mix-xhieda tal-istess Clinton Cachia, jirriżulta wkoll illi mwaħħal mal-faċċata tas-sit hemm ukoll l-avviż dwar *Full Development Permission* relattivament għal PA03188/20 maħruġ ukoll f'isem "Chris Borg". Sinjifikanti l-fatt illi dan il-permess inħareġ, kif jidher fir-ritratt tal-avviż in diżamina[6], testwalment "*to sanction basement level for 4 car park spaces and proposed construction of overlying nine apartments with different layout from that approved permit PA/02761/18.*" Dan il-permess bin-numru PA/02761/18 huwa l-istess permess ta' żvilupp li saret referenza għalih fl-avviż bil-quddiem li allegatament ġie ffirmat mill-imputat odjern Christian Borg. Fil-fatt, fl-avviż bil-quddiem, il-proġett ġie deskritt testwalment "*To construct nine apartments*

[6] Ritratt 4, paġna 13 tal-atti proċesswali.

*and underlying basement garage*" liema deskrizzjoni hija prattikament identika għal dik li tinsab fil-*Full Development Permission* imwaħħal mas-sit in diżamina.

Jiġi osservat ukoll illi skont kif jirriżulta mill-avviż li nħareġ mill-Awtorita' abbazi tal-*Construction Notification Form* kontestata mid-difiza (Dok. ESV3) u li jidher li ġiet sottomessa mill-imputat u Joseph Camilleri bħala s-*supervisor* tal-proġett, l-avviż bil-quddiem ingħata n-numru ta' referenza 'CNF 492A.06.19'. Dan in-numru ta' referenza, 'CNF 491A.06.19', huwa l-istess numru li saret referenza għalih fl-*email* mibgħut lill-Awtorita' fil-21 ta' Marzu 2021 minn Joseph Camilleri mill-indirizz tal-*email* indikat fuq l-avviż bil-quddiem, ċioe' joseph_camilleri@onvol.net, fejn għarraf lill-Awtorita' li ma kienx għadu inkarigat bħala *supervisor* tal-proġett fis-sit ta' kostruzzjoni ġewwa Triq il-Karmnu cw Triq Alessio Erardi, Zabbar - l-istess sit li jifforma l-mertu tal-akkużi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Dan kollu magħdud ifisser li hu stabbilit ness inkonfutabbli bejn l-avviż bil-quddiem li fih jinsabu indikati d-dettallji tal-imputat odjern, u l-iżvilupp li kien qed isir fih minn Chris Borg fis-sit li tiegħu jidher li huwa s-sid ukoll l-istess Chris Borg[7]. Għalkemm possibbilment dan l-imsemmi "Chris Borg" jista' ma jkunx l-istess Christian Borg l-imputat odjern, dan l-ipotesi żgur li m'huwiex wieħed probabbli. Dan mhux każ fejn ngħidu aħna, l-isem tal-persuna li applika biex jiżviluppa s-sit u jew il-proprjetarju tas-sit, huwa differenti mill-isem tal-persuna indikata bħala l-klient fl-avviż bil-quddiem, ċioe' l-persuna għal min jitwettaq proġett[8]. Inoltre, kif rajna, id-deskrizzjoni fl-avviż bil-quddiem tal-iżvilupp li kellu jitwettaq fis-sit, ċioe' l-kostruzzjoni ta' disa' appartamenti u garaxx sottostanti fil-livell tal-basement, hija identika għad-deskrizzjoni tal-iżvilupp sanzjonat bil-*Full Development Permission* li nħareġ in segwitu għall-approvazzjoni tal-PA 02761/18.

---

[7] Hawnhekk għandu jiġi senjalat li mkien il-liġi ma teħtieġ prova għall-fini tar-reati addebitati f'din il-kawża, dwar l-identita' tas-sid tal-proġett – il-liġi tesiġi biss il-prova dwar il-'klijent' tal-proġett, ċioe' l-persuna li għaliha jitwettaq il-proġett.

[8] Reg. 2 tal-Avviż Legali 88 tal-2018.

Dawn l-indizzji kollha fil-fehma tal-Qorti jikkostitwixxu evidenza ċirkostanzjali li tikkorrobora l-awtentiċita' tal-avviż bil-quddiem esebit fl-atti proċesswali. Kif konsistentement ritenut mill-Qrati taghna, fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizzjarji, purche' dawn tal-aħħar ikunu univoċi u jippontaw ilkoll lejn il-ħtija tal-imputat u ta' ħadd iktar ħlief l-imputat[9].

Din l-evidenza ċirkostanzjali li meħuda fl-assjem tagħha u mqiegħda fl-isfond tal-kopja awtentikata tal-avviż bil-quddiem Dok. CC1, hija kompatibbli mad-dikjarazzjoni li saret fl-istess avviż dwar il-persuna tal-'klient', li jfisser illi l-indikazzjoni ta' Christian Borg bħala l-klient fl-avviż bil-quddiem ma jistax raġjonevolment jitqies li saret bi żball u li l-klient huwa effettivament xi ħaddieħor u mhux Christian Borg l-imputat odjern. Meta l-evidenza tipponta univokalment lejn il-konklużjoni li l-proprjetarju tas-sit u l-applikant tal-proġett tal-iżvilupp li qed jitwettaq fis-sit li fih allegatament instabu numru ta' irregolaritajiet, huma l-istess persuna bħall-klient li għalih qed jiġi allegat kienu qed isiru x-xogħolijiet ta' kostruzzjonijiet kif dikjarat fl-avviż bil-quddiem, jikkonsegwi illi l-possibbilita' li l-imputat odjern Christian Borg m'huwiex il-klient li għalih qed isiru x-xogħoliijiet, hija biss waħda fantastika u żgur mhux raġjonevoli.

Jiġi mfakkar ukoll illi skont ma ngħad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju.

---

[9] Vide: **Pulizija vs Paul Grech** (Appell Kriminali 06.04.2001) u **Pulizija vs James Abela** (Appell Kriminali 11.07.2002).
Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Romeo Bone**, din il-Qorti, diversament preseduta, ċitat minn Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Practice (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** (1952), fejn qal: "*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents is much more than in civil cases; and where such testimony is not available the Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence.*"

Fil-fatt, Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pensions**[10], fisser l-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*", hekk:[11]

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Applikat dan għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis li ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkonvinċiha li huwa probabbli, diversament minn merament possibbli, li Christian Borg li huwa indikat fl-avviż bil-quddiem Dok. CC1 bħala l-klient tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu ser jiġi eżegwiti fis-sit in diżamina u li effettivament twettqu, m'huwiex l-istess Chris Borg bħall-proprjetarju tas-sit u l-applikant tal-iżvilupp, jew m'huwiex l-imputat quddiemha iżda xi ħaddieħor u ma kienx hu li ffirma d-dokument li ntbagħat elettronikament lill-Awtorita'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg**[12] ingħad hekk:-

*"Fil-process kriminali fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b' xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x' aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f' dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagjonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

---

[10] 1974 - 2 ALL ER 372.

[11] In propositu, il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull iċken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, id-difiża ma ressqet ebda sottomissjoni jew teżi difensjonali li tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad tal-probabbli li l-avviż bil-quddiem Dok. CC1 ma kienx iffirmat mill-imputat odjern u li ffirmah xi ħaddieħor, li fi kwalsiasi każ baqa' injot.

Għall-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, hija moralment konvinta mill-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni, ċioe' li l-imputat Christian Borg huwa l-klient indikat fuq l-avviż bil-quddiem għall-fini tal-obbligi legali tal-klient skont l-Avviż Legali 88 tal-2018.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan ukoll, u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni finali, il-Qorti tqis li s-sit in dizamina huwa tassew post tax-xogħol fit-tifsira tal-artikolu 2 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol[13], liema artikolu jiddefinixxi 'post tax-xogħol' bħala "*kull fond, lok, faċilità, bastiment jewpost jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat,* ***fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess*** *waqt il-kors tal-impieg tiegħu*"[14]. Dan qed jingħad ukoll għaliex fl-avviż bil-quddiem li ġie sottomess lill-Awtorita', u li abbażi tiegħu seta' jinbeda legalment ix-xogħol ta' kostruzzjoni, ġie mniżżel l-isem tal-"kuntrattur" tas-sit tal-kostruzzjoni: għall-fini tar-regolament 2 tal-Avviż Legali 88 tal-2018, "kuntrattur" ifisser "*kuntrattur jew persuna li tħaddem li l-ħaddiema tagħha iwettqu, jagħmlu jew jimmaniġġjaw xogħol ta' kostruzzjoni, u li tforni materjal u, jew xogħol biex ikun jista' jsir dak ix-xogħol.*" **Ġie dikjarat ukoll il-fatt illi kien maħsub li jkun hemm persuna waħda li taħdem għal rasha fis-sit tal-kostruzzjoni, kif ukoll żewġ (2) ħaddiema oħra**[15].

[13] Kap. 424.
[14] Emfasi tal-Qorti.
[15] "*Workers on site*".

Minn dan kollu l-Qorti m'għandhiex dubju illi s-sit tal-kostruzzjoni in diżamina kienet tikkostitwixxi l-post tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema li ġew dikjarati fl-avviż bil-quddiem li sejrin jaħdmu fl-istess sit fl-attivita' tal-kostruzzjoni li wkoll ġie dikjarat li ser titwettaq, u evidentement kien qed titwettaq, f'dan l-istess sit. Dan kollu magħdud hu biżżejjed biex jitqies bħala assurd kull ipotesi vantat mid-difiża li s-sit in diżamina ma jistax jitqies bħala post tax-xogħol għaliex ma kienx hemm xogħol li kien qed isir fis-sit u ma kienx hemm ħaddiema fuq is-sit, fil-ħin tal-ispezzjonijiet li xehed dwarhom Clinton Cachia.

Illi għandu jingħad ukoll li bħala 'l-klient', l-imputat odjern Christian Borg ma jinħelisx mill-obbligi tiegħu skont l-Avviż Legali 88 tal-2018 biss għaliex ikun ħatar *supervisor* tal-proġett biex jaqdi d-dmirijiet stabbiliti fir-regolament 5. Dan hu stipolat fir-regolament 8(1) tal-Avviż Legali in diżamina li jiddisponi li meta l-klijent jaħtar supervisor tal-proġett biex jaqdi d-dmirijiet riferiti fir-regolament 5, dan ma jeħlisx lill-klijent mir-responsabbilitajiet tiegħu f'dak ir-rigward. Imbagħad, is-subregolament (4) tal-istess regolament 8, jiddisponi illi "*Sabiex tiġi osservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, il-klijent għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.*"

Ikkunsidrat;

Illi x-xhieda ta' Elizabeth Sharon Vassallo in kwantu għamlet referenza għall-ispezzjonijiet li wettqet fis-sit ta' kostruzzjoni ġewwa Triq il-Karmnu kantuniera ma' Triq Alessio Erardi, Zabbar fis-snin ta' qabel id-19 ta' Settembru 2022, m'hijiex relevanti għad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat għar-reati li jinsab mixli bihom fiċ-ċitazzjoni. L-imputat huwa mixli li mexa bi ksur tar-regolamenti tal-Avviż Legali 88 tal-2018 « *fid-19 ta' Settembru 2022 matul il-ġurnata u fix-xhur ta' qabel* » u għalhekk, nuqqasijiet jew fatti li setgħu seħħew fis-snin ta' qabel id-19 ta' Settembru 2022, anke jekk jikkostitwixxu r-reati addebitati lill-imputat, ma jaqgħux fil-parametri taż-żmien tar-reati li ġew speċifikatament imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

Għaldaqstant, biex jiġi stabbilit il-ħtija o meno tal-imputat għar-reat addebitati lilu fiċ-ċitazzjoni odjerna, il-Qorti, biex tasal għal deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tal-imputat, sejra tiskarta x-xhieda ta' Elizabeth Sharon Vassallo u d-dokumenti minnha esebiti **in kwantu jirreferu għar-riżultanzi ta' spezzjonijiet li twettqu qabel l-1 ta' Jannar 2022**. Madanakollu, il-fatt li d-dokumenti esebiti minn din ix-xhud in konnessjoni ma' spezzjonijiet li saru fi żmien li ma jaqax fil-parametri taż-żmien tal-imputazzjonijiet, jistgħu ma jiswewx bħala prova dwar il-ħtija, ma jfissirx neċessarjament ukoll li huma irrelevanti għall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena fl-eventwalita' li tinstab ħtija għar-reati addebitati fiċ-ċitazzjoni, jew xi wieħed minnhom.

Mix-xhieda ta' Clinton Cachia u r-ritratti esebiti minnu, jirriżulta illi waqt l-ispezzjoni li saret fid-19 ta' Settembru 2022 fis-sit ta' kostruzzjoni ġewwa Triq il-Karmni kantuniera ma' Triq Alessio Erardi, Ħaż Żabbar, ġie kostatat numru konsiderevoli ta' gallarijiet li ma kellhomx ilqugħ, filwaqt li l-aċċess għas-sit ma kienx sikur għaliex kien jikkonsisti f'passaġġ ta' żewġ planki mitfugħin fuq gandott fejn kien hemm ukoll riskju ta' waqgħa. Iktar minn hekk, is-sit kien aċċessibbli għal terzi persuni u mhux biss għal persuni awtorizzati, għaliex l-entratura prinċipali kienet magħluqa biss b'biċċa injama filwaqt li l-garaxx fuq wara tas-sit kien kompletament miftuħ.

Dan kollu magħdud hu biżżejjed fil-fehma tal-Qorti biex jikkostitwixxi prova kif imiss ta' nuqqas ta' osservanza da parti tal-imputat, bħala l-klient għall-fini tal-obbligi legali taħt l-Avviż Legali 88 tal-2018, tad-dover tiegħu li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, kif mixli fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi ġie ppruvat ukoll illi s-*supervisor* tal-proġett li kien issottometta l-avviż bil-quddiem fis-26 ta' Ġunju 2019, Joseph Camilleri, ma kienx għadu inkarigat, fiż-żmien tal-ispezzjoni fid-19 ta' Settembru 2022, bħala s-*supervisor* tal-proġett. Dan jirriżulta

mix-xhieda ta' Clinton Cachia u minn *email* li ntbagħat fil-21 ta' Marzu 2021 (Dok. CC2) lill-Awtorita' minn Joseph Camilleri mill-istess indirizz tal-posta elettronika joseph_camilleri@onvol.net li ġiet indikata fl-avviż bil-quddiem (Dok. CC1). Clinton Cachia xehed illi ma hemm xejn fir-records tal-Awtorita' li juri illi kien ġie maħtur *supervisor* ieħor tal-proġett wara r-riżenja ta' Joseph Camilleri, li jfisser illi jiskattaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(5) tal-Avviż Legali 88 tal-2018 li jistipola: "*Ħlief fejn provdut fir-regolament 4*[16], *meta l-klijent jonqos milli jaħtar supervisor tal-proġett, il-klijent ipso facto titqies li tkun is-supervisor tal-proġett għall-għan ta' dawn ir-regolamenti".*

Id-difiża targomenta illi ma ġiex ippruvat suffiċjentement illi s-*supervisor* tal-proġett Joseph Camilleri irrinunzja għal dan ir-rwol tiegħu fil-proġett għaliex ma nġiebx biex jixhed quddiem il-Qorti biex jikkonferma dan u barra minn hekk, ħadd ma għarraf lill-imputat bil-fatt li huwa kien qed jitqies bħala s-*supervisor ipso facto* tal-proġett.

Iżda l-Qorti tqis illi ma hemm ebda obbligu legali li jeħtieġ li l-klient jiġi notifikat jew mgħarraf bit-temm tal-ħatra tas-supervisor tal-proġett li jkun ġie indikat fl-avviż bil-quddiem: ir-regolament 3(1) jgħid biss "*... u kull ħatra bħal dik tista' tiġi mitmuma, mibdula jew imġedda kif ikun meħtieġ".* Wara kollox, il-ħatra u t-temm jew tibdil tagħha huma obbligi li jispettaw lill-klient u mhux l-Awtorita' għaliex huwa l-klient li jagħżel min jaħtar bħala supervisor tal-proġett tiegħu u jekk din il-ħatra għandhiex tiġġedded jew tintemm. Għalhekk, jekk din il-ħatra tkun intemmet għal xi raġuni jew oħra, dan ikun seħħ fir-relazzjonijiet personali bejn il-klient u s-supervisor tal-proġett tiegħu. Il-liġi ma teħtieġ xejn ħlief li meta għal kull raġuni li jkun u fi kwalunkwe stadju li jkun tal-proġett, ma jkunx sar ħatra ta' supervisor tal-proġett jew ikun jirriżulta li s-supervisor tal-proġett indikat fl-avviż bil-quddiem ma jkunx għadu hekk inkarigat, il-klient jitqies *ipso facto* bħala s-*supervisor* tal-proġett **mingħajr ebda formalita' kwalsiasi**, sakemm l-Awtorita' ma tiġix mgħarrfa bil-ħatra ta' supervisor tal-proġett *ad hoc.*

---

[16] Fil-każ ta' 'klient domestiku'.

Issa fil-każ in diżamina, l-Awtorita' pproduċiet *email* mibgħut minn Joseph Camilleri l-persuna indikata fl-avviż bil-quddiem bħala s-*supervisor* tal-proġett mill-istess indirizza tal-*email* li kien indika bħala tiegħu fl-istess avviż bil-quddiem, li ma kienx għadu inkarigat bħala *supervisor* tal-proġett u dan fil-21 ta' Marzu 2021. M'hemm xejn fil-liġi li jeskludi li avviż bħal dan mibgħut permezz ta' *email* lill-Awtorita', jiswa biex jiskattaw l-obbligi tal-klient bħala *supervisor ipso facto* tal-proġett.

F'kull każ, m'għandhiex raġun id-difiża meta sottomettiet li l-Awtorita' ma għarrfitx lill-imputat bil-fatt li huwa kien qed jitqies bħala s-supervisor ipso facto tal-proġett, għaliex fl-1 ta' Ottubru 2021 bagħtet *email*[17] fuq l-indirizz chrisborg93@icloud.com li kien ġie provdut lilha minn Mark Mussett[18], il-persuna li wieġbet l-*email* li kien intbagħat fuq l-indirizz li kien ġie indikat bħala l-indirizz tal-*email* tal-klient Christian Borg fuq l-avviż bil-quddiem (markmussett@me.com). Dan biex tgħarrfu *inter alia* li kien qed jitqies bħala *supervisor ipso facto* tal-proġett. Iżda minkejja dan qatt ma rċeviet ebda risposta, għalkemm inġiebet prova li l-*email* wasal għand id-destinatarju.

Dan kollu magħdud iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi huwa ippruvat addizzjonalment illi l-imputat odjern kellu wkoll jitqies f'dawn iċ-ċirkostanzi, bħala s-*supervisor* tal-proġett *ipso facto*, b'dan li kien jispetta lilu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol[19] kif ukoll jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Avviż Legali 88 tal-2018 sabiex jassigura li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom, japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament 9[20] f'manjiera konsistenti[21] kif ukoll jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fil-post tal-kostruzzjoni[22].

---

[17] Dok. ESV8.
[18] Ara email Dok. ESV4.
[19] Regolament 6.
[20] Li jagħmel referenza għar-regolament 4 sa 6 tal-L.S. 424.18 – Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol - fosthom li jiżgura s-saħħau s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol (reg. 4) u jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà (reg. 5).
[21] Regolament 5(4)(d). jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;
[22] Regolament 5(4)(h).

Applikat dawn l-obbligi għar-riżultanzi tal-ispezzjoni li twettqet fuq is-sit fid-19 ta' Settembru 2022, senjatament in-nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji kollha, il-perikolu ta' waqgħat mill-passaġġ tal-aċċess għas-sit u nuqqas ta' miżuri biex jiġi assigurat li persuni awtorizzati ma jitħallewx jidħlu fis-sit, il-Qorti tqis li l-imputat, bħala l-klient kif ukoll bħala supervisor tal-proġett *ipso facto,* naqas milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa (i) għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol bi ksur tar-regolament 6 tal-Avviż Legali 88 tal-2018, kif ukoll (ii) biex jassigura li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom, japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament 9[23] f'manjiera konsistenti.

B'żieda ma' dan il-fatt illi l-imputat ma ressaq ebda prova għall-fini tar-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 illi turi li għamel dak kollu li r-rwol tiegħu kien jeħtieġ biex tiġi salvgwardjata s-saħħa u s-sigurta' fis-sit tal-kostruzzjoni u jew li ma kienx raġjonevolment prattikabbli li jsir iktar milli ikun fil-fatt sar biex jittejjeb is-sigurta' tal-aċċess għas-sit u biex jitnaqqas il-perikolu ta' waqgħat mill-għoli.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi mix-xhieda ta' Elizabeth Sharon Vassallo jirriżulta illi l-irregolaritajiet riskontrati matul l-ispezzjoni tad-19 ta' Settembru 2022, kienu diġa' ġew kostatati matul tliet spezzjonijiet preċedenti li saru fis-27 ta' Lulju 2020, 12 ta' Jannar 2021 u 1 ta' Ottubru 2021 iżda minkejja li saru interpellazzjonijiet biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet riskontrati, evidentement dawn baqgħu jissussistu. Il-Qorti tqis ukoll li n-nuqqas ta' lqugħ fil-gallarijiet kollha fl-erba' sulari tal-blokka, jikkostitwixxi perikolu partikolarment gravi għall-ħaddiema u terzi persuni, anke dawk mhux awtorizzati, li kellhom aċċess mhux ristrett għas-sit.

---

[23] Li jagħmel referenza għar-regolament 4 sa 6 tal-L.S. 424.18 – Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol - fosthom li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol (reg. 4) u jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà (reg. 5).

**Għal dawn il-motivi, wara li rat ir-regolamenti 3(5), 5(4)(d) u 6 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36) u l-artikolu 38 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta), issib lil CHRISTIAN BORG ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah multa ta' tliet elef Euro (€3,000).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**